MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Talba Numru. 694/2010

**Intercomp Marketing Limited – C20612**

**vs**

**Daniel Micallef Grimaud ID 82779M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-31 ta’ Mejju 2010, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elf erba’ mija u tmienja u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€1,448.87) ghar-ragunijiet msemmija fl-avviz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ is-somma ta’ elf, erba’ mija u tmienja u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€1,448.87) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------